MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Numru. 472/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Danrof Vella**

**Kumpilazzjoni Nru: 472/2014**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Danrof Vella detentur tal-Karta ta' l-Identita Maltija numru 10089(M).

Akkuzat talli fit-03 ta’ Marzu 2014 ghall-habta tas-07:30am gewwa Marsaxlokk:-

1. Ikkommetta serq ta’ oggetti li l-valur taghhom jeccedi l-€232.94 izda ma jeccedix l-€2,329.37 ghad-detriment ta’ Alexander Maniscalco, liema serq hu aggravat bil-valur u l-lok;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data f’dawn il-Gzejjer:-

2. Xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-artikoli 261(c)(f), 267, 279 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma pjuttost semplici u m’hemm l-ebda kontestazzjoni dwarhom, anzi huma ammessi mill-imputat u jirrizultaw mhux biss mill-istqarrija tieghu imma anke mid-depoizzjoni tieghu.

Illi gara li nhar it-3 ta’ Marzu 2014 l-imputat kien ghaddej fi Triq l-Ixprunara Marsaxlokk bil-van tieghu[1] meta, fid-*drive in* tal-garaxx tar-residenza ta’ certu Alexander Maniscalco, ra frames ta’ l-aluminium. L-imputat, li jipprova jaqla xi haga ghall-ghejxien tieghu billi jigbor hadid u oggetti simili ohra skartati biex ibieghhom bhala scrap, jghid li peress li l-frames kienu qeghdin barra fid-drive tal-garaxx u l-aluminium kien corroded haseb li kien ghar-rimi. L-imputat waqqaf il-van, ipparkja, habbat fuq il-bieb tad-dar fejn ra l-frames, dar dawra biex forsi jara li xi hadd li jista’ jsaqsih fuqhom, ma ra lil hadd ghalhekk ghabbihom fil-van tieghu u baqa’ sejjer ghand wiehed li ghandu scrap yard u bieghhom ghal tlett mitt Euro.

Illi Alexander Maniscalco jirrakkonta li huwa ried jirranga il-frames ta’ twieqi ta’ yacht allura hallihom fid-drive in tal-garaxx tieghu ghax minhabba il-kobor taghhom kien aktar komdu ghalih li jhallihom hemm milli jdahhalhom fil-garaxx. Gurnata minnhom meta wasal lura d-dar mix-xoghol induna li dawn il-frames ma kienux hemm[2]. L-ghada kien qed jitkellem mal-garr tieghu u dan qallu li kien ra lil xi hadd jiehu l-frames u li kien zamm in-numru tal-van li kien qed juza din il-persuna. B’din l-informazzjoni Maniscalco mar jaghmel rapport l-ghassa.

Illi l-unika kontestazzjoni (ghal dak li jirrigwarda l-fatti) f’dan il-kaz tirreferi ghall-materjal u l-valur tal-frames in ezami. Maniscalco jghid li huma tal-bronze u jekk jigu restawrati (kif kellu intenzjoni li ghamel) kienu jiswew hafna ghaliex jistghu jitqiesu bhala *antiques*; l-imputat min-naha l-ohra jghid li kienu ta’l-aluminium u kienu corroded.

Illi skond il-persuna li xtara il-frames minghand l-imputat, certu Marco Cremona, il-frames kienu ta’ l-aluminium u ma kellhomx hgieg; huwa hallas lill-

[1] Propjament il-vettura hija ta’ missieru pero kien qed isuqha hu.
[2] Dak in-nhar fil-ghodu kienu ghadhom hemm.

imputat il-prezz standard ghal scrap aluminium cioe disghin centezmu ghal kull kilo.

Illi dwar dan il-punt in kontestazzjoni hemm fatturi ohra, minbarra dak li jghid Cremona, x'jittiehdu in konsiderazzjoni. Skond Maniscalco dawn il-frames huma xi haga rari[3], u restawrati setghu jgiebu prezz tajjeb hafna; minkejja dan hu ma kkonfonda xejn ihallihom barra fid-drive in li m'ghandha l-ebda kancell jew xi forma ohra ta' eghluq, aktar minn hekk ma marx jaghmel rapport ghand il-pulizija mill-ewwel imma stenna sa' l-ghada fil-ghaxija. Meta huwa kien qed jiddeponi qal li dawk il-frames kienu ta' yacht u li kien ser jerga jwahhalhom meta jirrestawrahom; pero dan il-fatt ma semmiehx waqt li kien qed ghamel ir-rapport. Mistoqsi mill-pulizija (meta mar jaghmel ir-rapport) ghalfejn halla dak il-hin kollu biex jaghmel ir-rapport qal li kellu t-tifla l-isptar; meta saritlu l-istess mistoqsija in kontro-ezami Maniscalco ma semma xejn dwar bintu imma qal sempliciment li minghajr l-informazzjoni li tah il-garr kien inutli li jmur jaghmel rapport. Fil-verita Maniscalco lil uliedu semmihom fid-depozizzjoni tieghu, biex jghid pero li fil-ghodu meta mar ghax-xoghol martu u uliedu kienu qeghdin id-dar.

Illi tenut kont ta' dawn id-diskrepanzi u wara li rat u semghet lill-persuni koncernati jghatu d-depozizzjoni taghhom, il-Qorti hija konvinta li l-frames kienu ta' l-aluminium u mhux tal-bronze.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-imputat qed jigi addebietat primarjament bir-reat ta' serq u alternattivament bir-reat ta' ricettazzjoni.

[3] Hu jghid li m'ghadekx issib bhalhom.

Illi kif diga ntqal l-imputat jammetti li huwa ha l-frames mid-drive in tal-garaxx tad-dar ta' Maniscalco pero huwa qed jallega li l-frames kienu ghar-rimi u ghalhekk seta' johodhom.

Illi f'dan il-kuntest jibda biex jinghad li l-principju generali f'kaz t'allegat serq, hu li sakemm mic-cirkostanzi jirrizulta manifestament li l-oggett in kwistjoni ma hux res nullius u lanqas res derelicta, hemm d-delitt ta' serq[4]

Illi fi kliem il-Professur Sir Anthony Mamo:

> *The thing, the subject matter of the theft must be a res aliena, that is a thing which belongs to some other possessor at the time of the taking. .... It is sufficient for the crime of theft that the person taking it away had no right thereto. .... The rule that the thing must be in possession of others implies that there cannot be a theft of a res nullius or of a res derelicta. ... An article that has an owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft. .... A sound rule seems to be that laid by an English Court Court in Rex vs White: If there is any ground for supposing that the accused may have believed the article to have been abandoned by its owner the jury must be carefully directed with regard to the matter since if the jury find that belief as a fact the accused is not guilty*[5]*.*

Illi b'l-istess mod il-gurista Antolisei jghallem li:

> *Le cose che erano gia` di proprjeta di taluno divengono nullius quando siano abbandonate (res derelictae) e cioe' quando il proprietario se ne spoglia con l'intenzione di rinunciare al*

[4] Ref Il-Pulizija vs Edgar Attard Apell Kriminali deciza 25.05.1999.
[5] Notes on Criminal Law Vol II pagna 297.

> *proprio dominio. Tali sono ad ezempio le cose gettate nella pattumeria e percio` chi se ne appropria non commette furto. Con le cose abbandonate non vanno confuse le cose smarrite[6].*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Natalina Mifsud[7] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kwotat gurisprudenza lokali u Taljana dwar dan il-punt u specifikat pero li *non puo` parlarsi di res nullius sino a che il proprietario mantiene la sua cosa nella sfera patrimoniale e sotto la sua sorveglianza e tutela, nulla rilevando l'entita` maggiore o minore della cosa in relazione al patrimonio del dannegiato*.

Illi biex jissussisti reat ta' serq irid jigi pruvat l-element formali. Jekk persuna genwinament temmen li l-oggett li qed tiehu pussess tieghu kien gie abbandunat minn sidu, jew li hu res nullius, allura, jigi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq. Fi kliem il-Professur Mamo

> *... the taking must be with the consciousness of abstracting or taking the property of others. Any honest mistake will negative this ingredient, as when the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own. It would appear that any such mistake excludes theft even if it is incurred into through negligence. As Carrara says non puo concepirsi la figura giuridica di un furto colposo. ... The best evidence that there was no fraudulent intent is that the goods were taken quite openly. A surreptous taking, or a subsequent denial of the taking or a concealment of the goods suggests a fraudulent intent*[8].

---

[6] Ref Manuale di Diritto Penale Paerte Speciale I pagna 278
[7] Deciza 23.03.2007.
[8] Op Cit pagna 279.

Illi biex il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li tali zball kien wiehed genwin, trid tkun wkoll sodisfatta li dak l-izball kien wiehed ragjonevoli f'l-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi l-imputat spejga[9] li huwa kien fit-triq ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' fil-ghodu qabel ma ghadda t-trukk tal-gbir ta'l-iskart. Huwa spjega ukoll li l-frames kellhom haxix fuqhom u ilma go fihom (indikazzjoni li kienu ilhom f'dik il-pozizzjoni) u li ghalhekk deherlu li kienu ghar-rimi. Aktar minn hekk qal li peress li biex jasal ghalihom ma kellux ghalfejn jaqbez xi cint jew grada (u ghal dan il-ghan prezenta ritratti tal-post) deherlu li seta' johodhom.

Illi pero l-frames ma kienux fuq il-bankina (il-post fejn wiehed ihalli l-iskart ghar-rimi) imma 'l gewwa fid-drive in u ghalhekk *nella sfera patrimoniale e sotto la sua sorveglianza e tutela ... del daneggiato*. Jidher ukoll li kienu ilhom hemm, tant li kien ingabar l-ilma fihom u kellhom il-haxix fuqhom. Din hija indikazzjoni li, minkejja l-istat li kienu fih il-frames, il-persuni inkarigati mill-awtoritajiet kompetenti biex jigbru l-iskart ma kkunisdrawhomx bhala skart li kellhom jigbru fil-kors tax-xoghol taghhom.

Illi minn dak li jghid l-imputat innifsu jidher li anke hu kellu dubbju dwar jekk il-frames kienux ghar-rimi jew le, tant li mhux talli habbat fuq il-bieb imma anke dar dawra biex jara jekk jarax lil xi hadd li jista' jistaqsih dwarhom.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija konvinta li l-imputat ma setghax ragonevolment jasal ghall-konkluzzjoni li dawk il-frames kienu res derelicta; konsegwentment ghandu jinstab hati tas-serq taghhom.

Illi kontra l-imputat ingiebu zewg imputazzjonijiet: dik ta' serq u, alternattivament, dik ta' ricettazzjoni; la darba l-imputat qed jinstab hati ta'

[9] Waqt id-depozizzjoni tieghu

serq il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjrui ta’l-imputazzjoni dwar ricettazzjoni.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)(e), 267 u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena. Peress li t-tieni imputazzjoni hija alternativa ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputa fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-senenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------